# LIL MIN IFAKKRU L-LAPIDI SEPOLKRALI LI GĦANDNA FIR-ROTUNDA

*Joseph Borg*

Fis-sitt kappelli li hemm ġewwa l-knisja arċipretali tagħna niltaqgħu ma' għoxrin lapida sepolkrali kollha bil-Latin. Oħra tinsab għaliha f'nofs il-kor u hemm oħra wkoll fis-sagristija. Sebgħa minn dawn il-lapidi huma inkorporati f'sebgħa monumenti b'mezzo bust ta' l-irħam fuqhom. Ifakkru dawn il-lapidi jew monumenti - kappillani, arċiprieti, qassisin, membri ta' familji illustri Mostin, fosthom tobba u avukati u benefatturi oħra li lkoll ħadmu sabiex jaraw mibdija, mitmuma u mżejna din il-knisja li kienet l-għożża ta' qalbhom, kif inhi tagħna. Kien jixirqilhom tassew li l-fdalijiet jew it-tifkira tagħhom jibqgħu jistrieħu għal dejjem ġewwa r-Rotunda. Ngħidu biss xi ħaġa żgħira dwar min huma dawk li b'tifkira tagħhom saru dawk il-monumenti u l-lapidi l-ġmiel tagħhom.



(Ritratt: Ruben Chetcuti)
*Il-Monument li jfakkar lill-Kappillan Dr. Dun Feliċ Calleja (1797 - 1833)*

## IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

F'din il-kappella hemm l-ewwelnett midfun il-fundatur tar-Rotunda, Dun Feliċ Calleja, miż-Żurrieq, li minn kappillan ta' Ħal Balzan sar kappillan tal-Mosta. Dam imexxi l-parroċċa tagħna għal 36 sena sħaħ mill-1797 sal-1833. Kien hu li għażel il-pjanta ta' Grognet. Għall-bini tal-knisja tagħna kien ħalla ġidu kollu. Ma kellux ix-xorti jara ta' lanqas it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Il-monument li

twaqqaflu fuq qabru fil-ħamsinijiet huwa xogħol l-iskultur Taljan Sebastiano Spampinato, li kien joqgħod u jaħdem hawn Malta.

Il-kappillan l-ieħor li jinsab midfun f'din il-kappella huwa l-Mosti Dun Franġisk Camilleri. Kien dam kappillan tal-Mosta mill-1876 sakemm miet fid-29 ta' April, 1885. Fi żmienu kien sar l-orgni famuż li għandha l-knisja tagħna, għalkemm ma kellux ix-xorti jara din l-opra mitmuma għax miet xi erba' xhur qabel. Fil-lapida li hemm tfakkru tidher il-figura allegorika tal-Fidi, b'kalċi tħaddan is-Salib.

Il-lapida l-oħra li niltaqgħu magħha f'din il-kappella hija dik li tfakkar lill-Arċipriet Mosti Dun Girgor Borg, li kien Arċipriet tal-Mosta mill-1930 sal-1942. Fil-lapida li għandu tfakkru jidher anġlu jħares imnikket 'l isfel qed ipoġġi berettin fuq kolonna bi stola fuqha. Jidhru wkoll is-siġar taċ-ċipress. L-aħbar li bomba kienet nifdet il-koppla tar-Rotunda nikktitu bis-sħiħ u kompliet tagħti daqqa 'l isfel lil saħħtu, li kienet diġà bdiet sejra lura, għalkemm ma kienx kbir. Fi żmienu l-knisja tagħna stagħniet b'xogħlijiet artistiċi ta' l-iskultur magħruf Ċensu Apap, bħalma huma l-arkanġli tal-kor, il-fontijiet ta' l-ilma mbierek, il-pulptu u ż-żewġ statwi ta' Santa Marija u San Ġużepp f'tarf iz-zuntier. Jinsab midfun fil-kannierja tar-Rotunda.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Tifkira ta' l-Avukat Ġanbattista Mifsud, J.U.D. li miet ta' 80 sena fl-1867.*

**IL-KAPPELLA TA' SAN PAWL**

Il-lapida sabiħa li fiha tidher il-figura allegorika tal-Ġustizzja bħala mara b'wiċċha mgħotti tfakkar lill-Avukat Ġanbattist Mifsud, li flimkien ma' l-erba' uliedu, tnejn tobba, wieħed avukat u l-ieħor saċerdot, jinsabu midfunin f'din il-kappella. Kien l-Avukat Ġanbattista Mifsud li kien ikkummissjona lill-pittur Salvatore Barbara sabiex ipitter it-tliet kwadri ta' din il-kappella. Din il-familja

ta' Mifsud, l-aktar il-missier u ibnu Mons. Mikielanġ, żejnu wkoll din il-kappella b'altar, irħam, skultura u induratura. L-Avukat Ġanbattist Mifsud miet ta' 80 sena fis-sena 1867.

L-iben il-kbir ta' l-Avukat Ġanbattist Mifsud kien Salvatore, li laħaq avukat bħal missieru. Huwa kien ġie magħżul bħala wieħed mis-seba' sindki meta dawn kienu introdotti għall-ewwel darba f'Malta fi żmien l-amministrazzjoni kolonjali Ingliża. Kien magħruf għall-imħabba tiegħu lejn il-foqra tant li l-lapida li hemm fuq qabru ġġib fuqha x-xbieha ta' mara b' żewġt itfal, simbolu tal-Karità. Kien miet ta' 54 sena fis-sena 1869.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Monument lill-Arkitett Inġinier tar-Rotunda, Ġorġ Grognet de Vassé.*

Lapida oħra b'salib aħmar fuqha bil-kliem ta' San Pawl "Ngħid għalija ma niftaħarx jekk mhux bis-Salib" tfakkar lit-tieni iben ta' l-avukat Ġanbattist Mifsud. Dan kien it-Tabib Ġlormu Mifsud, membru ieħor distint ta' din il-familja Mostija magħrufa. Miet meta kellu 62 sena fis-sena 1878.

Il-familja Mifsud kienet imżejna wkoll b'saċerdot. Dan kien Monsinjur Mikielanġ Mifsud. Kien hu li għamel l-ewwel quddiesa ġewwa r-Rotunda, sewwa sew fuq l-altar tal-kor, meta din kienet lesta. Ta' patrijott Mosti li kien ħadem għat-tiżjin tal-kappella fejn għandu monument tar-rħam b'mezzobust mill-isbaħ, xogħol il-magħruf Tudolini ta' Ruma.

Il-membru l-ieħor tal-familja Mifsud midfun f'din il-kappella li kien jaħbat iż-żgħir kien it-Tabib Antonju Mifsud. Jinsab midfun f'nofs din il-kappella, sewwa sew quddiem l-altar. Kien tabib li jispeċjalizza fil-qasam tal-maternità. Huwa miet meta kellu 59 sena fl-1883. Il-lapida li għandu tfakkru fuq qabru hija mill-isbaħ.

## IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAĊ-ĊINTURA

Hawnhekk naraw żewġ monumenti b'mezzobust fuqhom, it-tnejn tar-rħam abjad. L-ewwel wieħed ifakkar lill-Arkitett-Inġinier mill-Belt Valletta, Ġorġ Grognet de Vassé, bniedem għaref u erudit, li fost affarijiet oħra, serva għal tmintax-il sena sħaħ taħt Napuljun fid-dipartiment ċivili u militari ta' l-inġinieri. Ir-Rotunda tagħna hija xhieda biżżejjed tal-ħila tiegħu xejn komuni fl-arti ta' l-arkitettura u l-inġinerija. Miet ta' 88 sena fil-5 ta' Settembru, 1862. Il-kitba Latina li hemm fuq il-monument tieghu kitibhielu ħabibu Dun Ġużepp Zammit "Brigella", Latinista magħruf ta' dak iż-żmien.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Monument lill-ewwel Arċipriet Dr. Dun Pawl Xuereb (1887-1894)*

It-tieni monument f'din il-kappella huwa dak li jfakkar lill-Dr. Dun Pawl Xuereb mill-Isla, li qabel ġie l-Mosta kien kappillan tal-Qrendi. Kien l-aħħar kappillan li kellna l-Mosta għax bit-tħabrik tiegħu għolla l-knisja tagħna għad-dinjità ta' knisja arċipretali u hekk sar l-ewwel arċipriet li kellha r-Rotunda fl-1888. Ħabrek sabiex fl-1889 inbniet il-lanterna tal-knisja u kien hu wkoll li ta bidu sabiex setgħet fl-aħħar, għalkemm wara mewtu, issir il-pittura famuża tat-tmien lunetti. Kien miet ta' 50 sena nhar it-22 ta' Novembru, 1884.

## IL-KAPPELLA TA' SAN ROKKU U SAN BASTJAN

F'din il-kappella niltaqgħu ma' żewġ monumenti oħra tar-rħam abjad ukoll. Hemm dak li jfakkarna fil-Prim Bennej tar-Rotunda, Mastr'Anġ Gatt miż-Żejtun, bennej ta' l-għaġeb, li għal sebgħa u għoxrin sena sħaħ tħabat biex setgħet fl-aħħar titlesta l-knisja monumentali tagħna. Ta l-aħħar nifs ta' ħajtu nhar it-12 ta' Novembru, 1875 fl-għomor ta' 79 sena. Il-monument li għandu huwa xogħol l-iskultur Sebastjan Spampinato, li kien sar minflok ieħor tal-ġebel fis-snin ħamsin.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Monumnet lill-Prim Bennej tar-Rotunda, Mastr' Anġ Gatt li miet ta' 79 sena fl-1875.*

Il-monument l-ieħor, li huwa xogħol ukoll ta' Spampinato, ifakkar lill-benefatur kbir tar-Rotunda, is-Sur Karm Dimech. Minn flusu kien ħallas għall-iskultura u l-induratura tal-koppla u l-Monument tal-Ġimgħa l-Kbira barra minn xi opri oħra. Bir-raġun kollu kien ġie mogħti l-unur *Pro Ecclesia et Pontefice* bħala għarfien tal-ġenerożità kbira tiegħu mal-knisja tagħna. Kien ħalla din id-dinja fit-22 ta' April, 1958. Jinsab midfun fil-kannierja tar-Rotunda.

## IL-KAPPELLA TA' SAN ĠUŻEPP

L-ewwel lapida fil-kappella ta' San Ġużepp li dwarha u dwar min hu midfun taħtha ser ngħidu xi ħaġa hija dik li tfakkar lin-Nutar Franġisk Chetcuti u lil martu s-Sinjura Anna Camilleri, li kienu magħrufin sewwa għat-tjubija, bżulija u mħabba lejn ir-reliġjon. Alla żejjen u bierek din il-familja Mostija b'erba' qassisin aħwa, li kienu Dun Ġlormu, Dun Ġużepp (li laħqu t-tnejn Monsinjuri), Dun Tumas u Dun Salv. Ħuhom l-ieħor Danjiel laħaq tabib. In-Nutar Chetcuti kien is-segretarju tal-Fabbrika tar-Rotunda meta din kienet qiegħda tinbena. Hu ntgħażel ukoll biex jara l-kontijiet tal-fabbrika. Fuq il-lapida sabiħa li tfakkar lilu u 'l martu tidher fil-kobor l-arma ta' Chetcuti. In-Nutar Chetcuti miet fl-1861 fl-għomor ta' 80 sena filwaqt li martu mietet ta' 87 sena fl-1869.

Lapida oħra f'din il-kappella hija dik b'tifkira ta' l-erba' aħwa saċerdoti Mostin Dun Tumas, Dun Ġużepp, Dun Ġlormu u Dun Salv Chetcuti, magħrufin għall-għerf u t-tjubija tagħhom. It-tliet kwadri f'din il-kappella huma tifkira tal-ġenerożità tagħhom mal-knisja tagħna. Il-lapida li tfakkarhom hija biċċa xogħol mill-isbaħ tal-marmista Darmanin. Turi lis-Sultan ta' Iżrael Salamun bi skroll f'idu. Il-kitba ta' l-iskroll hija sentenza meħuda mill-ktieb ta' l-Għerf li tgħid li, "Il-biża' t'Alla huwa l-bidu ta' kull għerf". Fost dawn l-erba' qassisin jidher li Dun Salv Chetcuti biss huwa midfun hawn.

Lapida sabiħa oħra, li hija wkoll xogħol Darmanin u li saret fl-1897, għandha fuqha l-figura allegorika tal-karità. Din tidher bħala mara twajba qiegħda toffri ħobża lil tfajjel ċkejken. Din il-lapida tfakkar lit-tabib Danjiel Chetcuti, magħruf għall-ħila medika tiegħu u għall-karità tiegħu mal-poplu. Tifkira ta' l-imħabba li bħal niesu kellu lejn ir-Rotunda għandna s-sett gandlieri tal-metall il-priem tal-kappella ta' San Ġużepp li fuqhom jidher ismu. Dan it-tabib kien miet ta' 76 sena fl-1895.



(Ritratt: Ruben Chetcuti)
*Monument li jfakkar lill-Kav. Carmelo Dimech, P.E.P., benefattur tar-Rotunda.*

L-aħħar lapida f'din il-kappella tfakkar lis-saċerdot Mosti Dun Ġużepp Mamo. Dan il-qassis devot ta' San Ġużepp ħallas għall-ispejjeż tal-kanċell ta' rħam griż u fin li jdawwar il-preżbiterju. Dan kien sar fuq id-disinn ta' l-arkitett Dr. Nikola Zammit. Ħalla wkoll il-flus biex ta' kull sena jsiru eżerċizzi spiritwali speċjali qabel il-Milied. Ħejja l-qabar u l-lapida qabel mewtu fl-1885. Il-lapida li hemm fuq qabru jidher fiha sarkofagu bl-arma ta' Mamo u bl-istola u l-berettin fuqnett.

**IL-KAPPELLA TAL-KURĊIFISS**

Sewwa sew fl-art, fin-nofs tal-kappella tal-Kurċifiss, hemm l-iżjed lapida qadima li għandna fir-Rotunda. Din il-lapida hija fost il-wirt tal-knisja l-qadima u tfakkar lill-Kappillan Mosti Dun Ġwann Anġlu Sammut. Dan kien sar kappillan fl-1742 u dam sakemm miet fl-1758 fl-għomor ta' 66 sena. Minħabba li din il-lapida fiha xogħol sabiħ fl-irħam kienet inqalgħet mill-knisja parrokkjali l-qadima u twaħħlet f'nofs din il-kappella. Fiha tidher l-arma ta' Sammut taħt pavaljun miżmum minn żewġ anġli.

F'din il-kappella nsibu l-fdalijiet ta' l-ikbar iben li qatt tat il-Mosta, il-kappillan Dun Ġammarì Schembri, li għal 26 sena sħaħ ħadem bla waqfien għall-bini tar-Rotunda barra milli kien kważi ħalla ġidu kollu għall-knisja li għaliha kien tħabat biex waqqaf. Kien miet ta' 60 sena mibki mill-Mostin kollha nhar it-



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Tifkira tat-Tabib Danjel Chetcuti li miet fl-1895.*

28 ta' Settembru, 1859. B'tifkira tiegħu hemm fuq qabru monument maħdum minn Spampinato b'bust tar-rħam fuqu li tassew jixraqlu. Dan kien twaqqaf mill-Mostin fis-snin ħamsin minflok lapida sempliċi li kellu.

Lapida sabiħa f'din il-kappella tfakkar lill-kappillan suċċessur ta' Dun Ġammarì Schembri, Dun Anton Mallia minn Birkirkara. Dan kien missjonant u predikatur mill-aqwa u beda jġib bħal sħabu l-pelegrina u l-faxxa fuq is-suttana. Fi żmienu r-Rotunda tgħammret b'bosta affarijiet ta' ħtieġa u saret ukoll il-Konsagrazzjoni solenni tagħha. Fil-lapida li hemm tfakkru jidher is-Sultan David qed jiġi mwissi mill-profeta Natan.

Midfun f'din il-kappella hemm ukoll il-kappillan Żabbari Dun Lawrenz Sciberras, li kien dam jieħu ħsieb il-parroċċa Mostija għal ħames xhur biss, mis-6 ta' Marzu, 1886 sat-22 ta' Awissu ta' dik is-sena, għax kien miet qasir il-għomor ta' 51 sena. F'ħames xhur ma laħaq għamel xejn, imma kellu jħallilna lill-ħabrieki neputih Dun Anġ. Camilleri, li kien jiġi t-tifel t'oħtu. Dan kien ġie miegħu minn Ħaż-Żabbar bħala qassis żagħżugħ u tant ħabb 'il-Mosta u 'l-knisja tagħha li baqa' jgħix fostna sakemm miet, wara li rnexxielu jżejjen ir-Rotunda b'bosta opri mill-aqwa, fosthom il-paviment. Fil-lapida li hemm fuq il-qabar tal-Kappillan Sciberras jidher sarkofagu ta' rħam aħdar bl-arma ta' Sciberras fuqu.

## FIL-KOR U FIS-SAGRISTIJA

F'nofs il-kor hemm lapida sempliċi bl-ismijiet ta' ħamsa u għoxrin qassis li kienu jiffurmaw il-kleru tal-Mosta ta' l-1906 meta sar iċ-ċangar bl-irħam tal-Preżbiterju u l-kor fuq id-disinn tas-Sur Rafel Caruana Dingli. Ix-xewqa tal-qassisin imsemmijin f'din il-lapida kienet li jkollhom qabar komuni, iżda minħabba raġunijiet diversi hemm minnhom min mhux midfun hemm.

Fl-aħħarnett f'tarf il-kuridur li jgħaqqad is-sagristijiet, sewwa sew quddiem il-kamra tal-*Lavabo* hemm lapida b'kitba Latina twila fiha u bl-arma ta' Chetcuti fuqha. Din tfakkar lit-tabib magħruf Tumas Chetcuti, li miet ta' 66 sena fl-1863 u għamel ġieħ lill-Mosta u għolla isem Malta quddiem l-iżjed nies għorrief ta' l-Ewropa. Ta' patrijiott Mosti li kien, qabel ma miet kien ħalla bil-miktub li ġismu kellu jiġi midfun fil-knisja tal-Mosta.




*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Lapida li tfakkar lil Kappillan Dun Anton Mallia (1859 - 1876)*

RIFERENZI

1. *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*, E. B. Vella, 1930.
2. *Musta, Its Memories and Charms*, Rev. Edgar W. Salomone, 1910.

N.B. skond E. B. Vella ħafna mill-iskrizzjonijiet bil-latin li jidhru fuq il-lapidi ta' l-oqbra li semmejna huma xogħol sabiħ tal-bravu Latinista l-Patri Lettur Albert M. Grech O. P.

Tnejn mil-lapidi li hemm fil-kappella ta' San Ġużepp huma ffirmati minn Darmanin. Dan il-marmista kien jiġi ħu l-istatwarju magħruf Carlo Darmanin.